A.L. 141 ta' l-2006

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-2006 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2006 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-16 ta' Ġunju, 2006.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din ġejja, jiġifieri:

(1) Blokk bini li jikkonsisti fi tmien *maisonettes* fil-Qasam tad-Djar Tal-Fuklar, Ħ'Attard, il-blokk shih imiss mill-Grigal ma' Triq il-Minfaħ, mix-Xlokk ma' Ġnien il-Kunsill Lokali, u mill-Majjistral ma' Triq il-Gradilja.

Maisonette bin-numru 13 għandha dħul minn triq pubblika lil hinn minn Triq il-Gradilja; *maisonettes* bin-numru 14 sa 19 għandhom dħul separat minn Triq il-Gradilja; u *maisonette* bin-numru 20 għandha dħul separat minn Triq il-Minfaħ; *maisonettes* bin-numru 13, 16, 17 u 20 għandhom dħul ukoll individwalment minn wara minn bieb separat fi Ġnien il-Kunsill Lokali; u l-ġonna fuq quddiem ta' l-istess *maisonettes* għandhom jiġu inklużi wkoll fit-trasferiment.

Il-blokk jinsab delineat bl-aħmar fuq P.D. 2006_232. (HAM 21/98).

(2) Blokk bini li jikkonsisti fi tmintax-il *maisonette* u tmintax-il *garage* sottostanti fi Triq De Hosa u Triq Katerina Vitale f'Santa Luċija, il-blokk sħiħ imiss mit-Tramuntana u mill-Grigal ma' Triq Katerina Vitale, u mill-Lbiċ ma' Triq De Hosa.

Maisonettes bin-numru 1 sa 8 għandhom dħul separat minn Triq Katerina Vitale, u *maisonettes* bin-numru 9 sa 18 għandhom dħul separat minn Triq De Hosa.

Garages bin-numru 1 sa 8 għandhom dħul separat minn Triq Katerina Vitale, u *garages* bin-numru 9 sa 18 għandhom dħul separat minn Triq De Hosa; *garages* bin-numru 1 sa 6 jinsabu sottostanti *maisonettes* bin-numru 1 sa 6, *garages* 7 u 8 jinsabu sottostanti *maisonette* bin-numru 8, u *garages* bin-numru 9 sa 18 jinsabu sottostanti *maisonettes* bin-numru 9 sa 18.

Il-blokk jinsab delineat bl-aħmar fuq P.D. 11_82_100. (HAM 15/93 vol II).

(3) Grupp ta' tmien blokkijiet bini li jikkonsistu f'56 *garages*, 56 *flats*, żewġt iħwienet, maħżen wieħed u *substation* wieħed, fi Triq il-Qawra u Triq il-Frejgatina f'San Pawl il-Baħar, il-blokk sħiħ imiss mill-Majjistral ma' proprjetà privata, mix-Xlokk ma' Triq il-Qawra u mil-Lbiċ ma' Triq il-Frejgatina.

Il-blokkijiet ta' *flats* huma enumerati Blokkijiet C1 sa C6, D1 u D2. Blokkijiet C1 sa C3 huma kollha aċċessibbli minn Triq il-Frejgatina, u Blokkijiet C4 sa C6, D1 u D2 huma aċċessibbli minn area komuni, spazju miftuħ, li hu aċċessibbli minn Triq il-Qawra. Blokkijiet C4 u D2 jikkonsistu f'erba' *flats* kull wieħed, enumerati 1 sa 4, li huma lkoll aċċessibbli minn intrati komuni enumerati Blokk C4 u D2. Il-blokkijiet l-oħra lkoll jikkonsistu fi tmien *flats* kull wieħed, enumerati 1 sa 8, li huma lkoll aċċessibbli minn intrati komuni enumerati bin-numru tal-blokk rispettiv tagħhom. L-arei komuni tal-*flats* huma wkoll aċċessibbli mill-kantina.

Garages enumerati 1 sa 43 u l-maħżen fi Blokk C, li huma sottostanti l-*flats* fi Blokkijiet C1 sa C6, huma aċċessibbli minn intrata komuni fi Triq il-Frejgatina. *Garages* enumerati 1 sa 13 fi Blokk D, li huma sottostanti l-*flats* fi Blokkijiet D1 u D2, huma aċċessibbli minn intrata komuni fi Triq il-Qawra.

Il-ħwienet enumerati 1 u 2 u s-*substation* jinsabu fi Blokk C u huma aċċessibbli minn intrata separata fi Triq il-Qawra.

Il-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta immarkata P.D. 61_2003_1. (HAM 115/2000 vol. 3, HAM 57/99 vol. 5).

(4) Biċċa art ta' madwar 164 metru kwadru, magħrufa bħala Plot 59, Triq Napuljun Caruana Dingli, u li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' Pennellu fil-Mellieħa, li tmiss mill-Grigal ma' passaġġ pubbliku, mil-Lbiċ ma' Triq Napuljun Caruana Dingli u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern, li fuqha hemm mibni l-fond bin-numru 92, Triq Napuljun Caruana Dingli, Mellieħa, u li tinsab delineata bl-aħmar u immarkata P.59 fuq L.D. 383/91/7. (Tenement No. 65702 – HAP 4/2006).

(5) Biċċa art ta' madwar 130 metru kwadru, magħrufa bħala Plot 2, Vjal l-Indipendenza, u li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern San Silvestru fil-Mosta, li tmiss mit-Tramuntana ma' Vjal l-Indipendenza, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar, li fuqha hemm mibni l-fond bl-isem "Camelia", Vjal l-Indipendenza, Mosta, u li tinsab delineata bl-aħmar u immarkata P.2 fuq L.D. 43/81/3. (Tenement No. 66323 – HAP 8/2006).

(6) Biċċa art ta' madwar 136 metru kwadru, magħrufa bħala Plot 7, u Sit E, Triq il-Fossa tal-Qamħ, u li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' Ganza fiż-Żejtun, li tmiss mit-Tramuntana ma' passaġġ pubbliku, minn Nofs-in-Nhar ma' Triq il-Fossa tal-Qamħ u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern, li fuqha hemm mibni l-fond bin-numru 24, Triq il-Fossa tal-Qamħ, Żejtun, u li jinsabu delineati bl-aħmar u immarkati P.7 u 'E' fuq L.D. 7/80/82. (Tenement No. 66033 – HAP 9/2005).

(7) Biċċa art ta' madwar 148.6 metru kwadru, magħrufa bħala Plot 14, Triq Forn il-Ġir, u li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern fir-Rabat (Victoria), Għawdex, li tmiss mill-Grigal u mill-Majjistral ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar u mil-Lbiċ ma' Triq Forn il-Ġir, li fuqha hemm mibni l-fond bin-numru 14, Triq Forn il-Ġir, Rabat (Victoria), Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u immarkata P. 14 fuq L.D. 138/91/2. (Tenement No. Z41321 – HAP 2/2006).

(8) *Flat* numru 1, Blokk B5, Triq Mahatma Gandhi, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Fgura (Tenement No. 72851 – RTB 10/2005).

(9) *Flat* numru 5, Blokk B3, Triq Giacomo Matteotti, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Fgura (Tenement No. 72843 – RTB 1/2005).

(10) *Flat* numru 4, Blokk 7, Triq il-Fosos, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Floriana (Tenement No. 67963 – RTB 135/2005).

(11) *Flat* numru 4, Blokk R, Triq Wenzu Mifsud Bonnici, Qasam tad-Djar tal-Gvern Tar-Rabbat, Ħamrun (Tenement No. 69039 – H.A. 59/99).

(12) *Maisonette* bin-numru 40, 'Joslourd', Triq is-Sewwieqa, Qasam tad-Djar tal-Gvern Tar-Rabbat, Ħamrun (Tenement No. 67951 – RTB 124/2003).

(13) Dar bin-numru 42 (11), 'Casa Fiorita', Triq is-Sewwieqa, Qasam tad-Djar tal-Gvern Tar-Rabbat, Ħamrun (Tenement No. 67949 – H.A. 215/81).

(14) *Maisonette* bin-numru 52, Triq is-Sewwieqa, Qasam tad-Djar tal-Gvern Tar-Rabbat, Ħamrun (Tenement No. 67944 – H.A. 163/81).

(15) Dar bin-numru 5A, Blokk G, Triq Prosperina, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Mtarfa (Tenement No. 75947 – RTB 56/2004).

(16) *Flat* numru 5, Blokk C2, Pjazza Madonna ta' Fatima, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Pietà (Tenement No. 69778 – RTB 28/2003).

(17) *Flat* numru 4, Blokk B, Qasam tad-Djar tal-Gvern Għajn Kajjet, Rabat, Malta (Tenement No. 66628 – RTB 124/2005).

(18) *Flat* numru 2, Blokk C, Qasam tad-Djar tal-Gvern Għajn Kajjet, Rabat, Malta (Tenement No. 66642 – RTB 79/2003).

(19) Dar bin-numru 2, Area 13, Triq Hans Stumme, Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' Ġiorni, San Ġiljan (Tenement No. 67675 – RTB 8/2005).

(20) *Flat* numru 14, Blokk F, Triq Jean Houel, Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' Ġiorni, San Ġiljan (Tenement No. 69021 – RTB 100/2005).

(21) Dar bin-numru 4, Blokk E, Triq l-Akaċja, Qasam tad-Djar tal-Gvern, San Ġwann (Tenement No. 67323 – RTB 198/2003).

(22) Dar bin-numru 3, Triq il-Lariġa, Qasam tad-Djar tal-Gvern, San Ġwann (Tenement No. 67316 – H.A. 138/99).

(23) Dar bin-numru 5, Blokk D, Triq il-Lariġa, Qasam tad-Djar tal-Gvern, San Ġwann (Tenement No. 67318 – H.A. 145/99).

(24) *Flat* numru 7, Blokk A3, Triq il-Watar, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Ta' Xbiex (Tenement No. 70559 – RTB 37/2005).

(25) *Maisonette* bin-numru 49, Triq il-Batterija, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Valletta (Tenement No. 61884 – RTB 67/2004).

(26) *Flat* numru 2, Blokk A1, Triq it-Taqtigħa, Qasam tad-Djar tal-Gvern Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ (Tenement No. 72302 – RTB 16/2003).

(27) *Flat* numru 2, Blokk L, Qasam Ħal Tmiem, Żejtun (Tenement No. 74153 – RTB 160/2003).

(28) Dar bin-numru 12, qabel 77, Triq il-Kemmun Ħelu, Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' Ganza, Żejtun (Tenement No. 67608 – RTB 138/2004).

(29) *Flat* numru 8, Blokk 1A, Triq Taċ-Ċawla, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Rabat (Victoria), Għawdex (Tenement No. Z60558 – RTB 149/2004).